2023/2190

13.10.2023

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2190**

**tat-28 ta' Settembru 2023**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]) ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1912 ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2018.

(2) L-Artikolu 10(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt.

(3) Skont l-Artikolu 10(2) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tiegħu, peress li dawk ir-regoli se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jenħtieġ li għaldaqstant tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. GRANDE-MARLASKA GÓMEZ

---

([1]) ĠU L 274, 24.10.2017, p. 3.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1912 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 274, 24.10.2017, p. 1).

**ABBOZZ**

**DEĊIŻJONI NRU 1 TAL-KUMITAT KONĠUNT**

**ta' ...**

**dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]) "il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

(2) Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt jenħtieġ li jiġu adottati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, kif stipulati fl-Anness, huma b'dan adottati.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Ill-President* | *kap tad-Delegazzjoni*

([1]) ĠU L 274, 24.10.2017, p. 3.

***ANNESS***

Regoli ta’ proċedura tal-Kumitat Konġunt

*Artikolu 1*

**Kapijiet tad-Delegazzjoni**

1. L-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda (“il-Partijiet”) għandhom jaħtru Kap tad-Delegazzjoni kull wieħed li għandu jkun il-persuna ta’ kuntatt għall-kwistjonijiet kollha marbutin mal-Kumitat Konġunt. Il-Partijiet għandhom jinnominaw ukoll viċi għall-Kap tad-Delegazzjoni

2. Kull Kap tad-Delegazzjoni jista’ jiddelega l-funzjonijiet kollha tiegħu ta’ Kap tad-Delegazzjoni jew xi wħud minnhom lill-viċi, u f’dan il-każ, kull referenza li ssir għall-Kap tad-Delegazzjoni minn hawn ’il quddiem tapplika bl-istess mod għall-viċi.

*Artikolu 2*

**President**

Il-kariga ta’ President tal-Kumitat Konġunt għandha talterna minn idejn il-Kap tad-Delegazzjoni ta’ waħda mill-Partijiet għal idejn il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Parti l-oħra, għal perjodu ta’ sena kalendarja.

*Artikolu 3*

**Laqgħat**

1. Ħlief fejn jiġi maqbul mod ieħor mill-Partijiet, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa’ fuq it-talba ta’ waħda mill-Partijiet, b’mod alternat fl-Unjoni u fl-Iżlanda, mhux aktar tard minn 90 jum wara li tkun saret it-talba.

2. Kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandha tissejjaħ mill-President f’data u f’post li jaqblu fuqhom il-partijiet. L-avviż tas-sejħa għal-laqgħa għandu jinħareġ mill-President mhux aktar tard minn 28 jum kalendarju qabel il-bidu tal-laqgħa, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

3. Fejn ikun hemm qbil bejn iż-żewġ Partijiet, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt jistgħu jattendu għalihom esperti li huma kapaċi jfornu l-informazzjoni speċifika mitluba.

4. Sakemm ma jiġix maqbul mod ieħor mill-Partijiet, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi.

5. Bħala eċċezzjoni, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt jistgħu jsiru permezz ta’ kwalunkwe mezz teknoloġiku li l-Partijiet jaqblu fuqu, inkluż permezz tal-vidjokonferenza.

*Artikolu 4*

**Delegazzjonijiet**

Qabel kull laqgħa, kull Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra, permezz tas-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 5, dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjoni tagħha.

*Artikolu 5*

**Segretarjat**

Għandu jinħatar rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-Iżlanda mill-Kap tad-Delegazzjoni rispettiv biex jaġixxu b’mod konġunt bħala Segretarji tal-Kumitat Konġunt u għandhom iwettqu kompiti segretarjali b’mod konġunt u fi spirtu ta’ fiduċja reċiproka u ta’ kooperazzjoni.

*Artikolu 6*

**Korrispondenza**

1. Il-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt għandha tintbagħat lis-segretarji

2. Is-Segretarjat għandu jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt tiġi mgħoddija lill-President u tiġi ċċirkolata, fejn xieraq.

3. Il-korrispondenza bejn il-Partijiet tista' ssir permezz ta' kwalunkwe mezz bil-miktub, inkluża l-posta elettronika.

*Artikolu 7*

**Aġendi tal-laqgħat**

1. Għal kull laqgħa għandha titfassal aġenda proviżorja mis-Segretarjat abbażi tal-proposti magħmula mill-partijiet. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li fir-rigward tad-dħul tagħhom fl-aġenda, waħda mill-Partijiet tkun għamlet talba lis-Segretarjat sostnuta mid-dokumenti rilevanti u li tasal mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa.

2. L-aġenda proviżorja, flimkien mad-dokumenti rilevanti, għandha tiġi ċċirkolata mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel il-bidu tal-laqgħa.

3. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-President u mill-Kap tad-Delegazzjoni l-ieħor fil-bidu ta' kull laqgħa. Il-punti għajr dawk li jkunu jidhru fl-aġenda proviżorja jistgħu jiddaħħlu fl-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

4. F'konsultazzjoni mal-Partijiet, il-President jista' jqassar il-perjodi ta' żmien speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 sabiex jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċjali.

*Artikolu 8*

**Adozzjoni tal-istrumenti**

1. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt skont it-tifsira tal-Artikolu 10(2) u (3) tal-Ftehim għandhom jiġu adottati b'kunsens u indirizzati lill-Partijiet. Id-deċiżjonijiet għandhom ikunu ffirmati mill-President u mill-Kap tad-Delegazzjoni l-ieħor.

2. Kull deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha sakemm id-deċiżjoni ma tipprevedix mod ieħor.

3. Kull waħda mill-Partijiet tista' tiddeċiedi li tippubblika kwalunkwe deċiżjoni adottata mill-Kumitat Konġunt.

*Artikolu 9*

**Proċedura bil-miktub**

Jekk il-Partijiet jaqblu, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet bi proċedura bil-miktub. Il-proċedura bil-miktub għandha tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn iż-żewġ Segretarji, li jaġixxu bi ftehim mal-Partijiet. Il-parti li tipproponi l-użu tal-proċedura bil-miktub għandha tissottometti l-abbozz ta' deċiżjoni lill-Parti l-oħra, li għandha twieġeb billi tindika jekk taċċettax jew le l-abbozz, tipproponi kwalunkwe emenda, jew titlob aktar żmien għar-riflessjoni. Jekk jintlaħaq qbil dwar l-abbozz, huwa jiġi adottat f'konformità mal-Artikolu 8(1).

*Artikolu 10*

**Minuti**

1. Il-President għandu jfassal l-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa u jissottomettihom lill-Kap tad-Delegazzjoni l-ieħor fi żmien 20 jum tax-xogħol minn dakinhar tal-laqgħa. L-abbozz tal-minuti għandu jiddikjara r-rakkomandazzjonijiet u jista' wkoll jinnota kwalunkwe konklużjoni oħra milħuqa. Il-Kap tad-Delegazzjoni l-ieħor għandu jaqbel mal-abbozz jew

jissottometti l-emendi li jipproponi. Malli jintlaħaq qbil dwar l-abbozz tal-minuti, għandhom jiġu ffirmati żewġ kopji oriġinali mill-President u mill-Kap tad-Delegazzjoni l-ieħor. Għandha tinżamm kopja oriġinali tal-minuti mill-President u oħra mill-Kap tad-Delegazzjoni l-ieħor.

2. F'każ li ma jintlaħaqx qbil dwar il-minuti qabel ma tissejjaħ il-laqgħa sussegwenti, l-emendi sottomessi mill-Kap tad-Delegazzjoni l-ieħor għandhom jiġu annessi mal-abbozz ta' minuti.

*Artikolu 11*

**Spejjeż**

1. Kull parti għandha tkopri kwalunkwe spiża li ġġarrab b'riżultat tal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt.

2. L-ispiża marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

*Artikolu 12*

**Kunfidenzjalità**

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu kunfidenzjali.